**14 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Henry Georg Louis Jones

*versus*

Onorevoli Avukat Dottor Carmelo Caruana noe et

**Kooperativi — Reġistratur ta' xirkiet — Poteri ta' — Likwidazzjoni ta' — Ġurisdizzjoni**

*Il-Qorti ordinarja ma għandiex ġurisdizzjoni biex tissindika d-deċiżjoni tar-Reġistratur tax-Xirkiet Kooperativi u tal-likwidatur tal-istess dwar l-ammissibilità ta' kreditu fil-każ likwidazzjoni ta' xirka kooperativa.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi r-Reġistratur tax-Xirkiet Kooperativi kien informa lill-attur li għar-raġunijiet tiegħu kien ser ineħħilu r-rimbors ta' spejjeż u l-stipendju li kellu l-attur bħala Chairman tal-Gozo Farmers Cooperative Association Limited u peress illi dina l-Kooperativa llum qegħda fi stat ta' likwidazzjoni u l-konvenut Cesareo bħala likwidatur qed jimplementa l-istruzzjonijiet tar-Reġistratur tax-Xirkiet Kooperativi billi ma jdaħħalx il-kreditu pretiż mill-attur għall-imsemmija spejjeż u stipendju billi qed igħid li dan "disallowed"; billi dan l-aġir tar-Reġistratur huwa ultra vires il-poteri lilu akkordati fl-Ordinanza erbgħa u tletin (XXXIV) ta' 1946 u għalhekk huwa llegali u bla ebda effett talab li dina l-Qorti tiddikjara "ultra vires" il-poteri akkordati bl-imsemmija Ordinanza XXXIV tal-1946, is-seta' li huwa ppretenda li għandu meta b'ittra tat-tmintax (18) ta' Frar, 1958 informa lill-attur illi r-rimbors tal-ispejjeż u l-istipendju tiegħu bħala Chairman tal-Gozo Farmers Co-operative Association Limited huwa "disallowed" u illi dil-Qorti per konsegwenza tikkundanna lill-konvenut Cesareo nomine jħallas lill-attur dika s-somma li tirriżulta dovuta lill-attur fil-każ ta' bżonn tiġi likwidata minn periti nominandi — bħala spejjeż minnu versati u stipendju lilu dovut bħala Chairman tal-Gozo Farmers Cooperative Association Limited, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha jeċċepixxu illi preliminarjament (1) l-Onorevoli Avukat Dottor Carmelo Caruana fil-kwalità tiegħu ta' Ministru ta' l-Agrikoltura, Enerġija u Komunikazzjoni m'għandu x'jaqsam xejn fil-kwistjonijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u d-domanda in kwantu miġjuba kontra tiegħu għandha fi kwalsiasi każ tiġi miċħuda bl-ispejjeż; (2) bl-istess mod id-domanda in kwantu diretta lill-Maġġur Victor Castillo bħala Direttur tal-Biedja għandha għall-istess raġuni tiġi miċħuda bl-ispejjeż; (3) illi s-soċjetà msemmija hija llum in likwidazzjoni u l-Qrati ordinarji m'għandhomx ġurisdizzjoni dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni ta' soċjetà kooperativa u f'dan ir-rigward l-artikolu 43 ta' l-Ordinanza ta' l-1946 dwar ix-xirkiet kooperativi huwa ostativ fil-preżenti azzjoni; (4) illi d-deċiżjonijiet tal-konvenut Oscar Cesareo bħala likwidatur tas-soċjetà u okkorrendo tar-Reġistratur tal-lum in konnessjoni mal-likwidazzjoni huma nsindakabbli mill-Qrati ordinarji u appell minnhom jista' jsir biss lill-Gvernatur; illi fil-meritu d-domanda hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, inter alia għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għal raġunijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża (1) l-attur għażel li jressaq il-claims tiegħu fil-proċedura tal-likwidazzjoni, independentement minn kull deċiżjoni anterjuri tar-Reġistratur in merito, in preċiżament dik meħuda mir-Reġistratur ta' allura fil-1958, anzi l-attur illimita l-claim tiegħu għall-ispejjeż tat-trasport, liema claim ġiet kunsidrata mil-likwidatur u sussegwentement mir-Reġistratur tal-lum u d-deċiżjoni tar-Reġistratur f'dan ir-rigward hija "final and conclusive" a tenur ta' l-artikolu 39 ta' l-imsemmija Ordinanza — apparti dejjem in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'kull ħaġa li tindaħal f'dik il-likwidazzjoni kif ingħad; (ii) illi ancorche d-deċiżjoni tar-Reġistratur ta' allura tiġi dikjarata "ultra vires" dan ma jwassalx neċessarjament għall-konsegwenza illi l-likwidatur għandu

jħallas lill-attur is-somma relativa u f'dan is-sens id-domanda ma tistax isseħħ, illi jkun xi jkun l-eżitu ta' din il-kawża; dwar il-validità o meno tad-deċiżjoni tar-Reġistratur ta' allura meħuda anteċidentement għal-likwidazzjoni, u preċiżament fil-1958, dak l-eżitu ma jista' qatt jaffettwa kull deċiżjoni li l-likwidatur ħa jew 'il quddiem jidhirlu li għandu jieħu in konnessjoni ma' claims li għamel jew jagħmel l-attur u li ġew jew jiġu kunsidrati mil-likwidatur a bażi ta' fatti (mhux ta' deċiżjonijiet bene o male ta' ħaddieħor) illi jidhrulu rilevanti; (iii) illi fi kwalsiasi każ id-deċiżjoni tar-Reġistratur ta' l-1958 taqa' taħt s-setgħat mogħtija lir-Reġistratur skond il-liġi: infatti kull ħlas magħmul lill-membri tal-kumitat ta' soċjetà kooperativa huwa suġġett espressament għall-approvazzjoni bil-miktub tar-Reġistratur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine u n-nota taxxhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' rinunzja tal-attur għat-tieni talba preżentata llum;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħat l-Avukati tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni li s-Soċjetà hija llum in likwidazzjoni u l-Qrati ordinarji m'għandhomx ġurisdizzjoni dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni tas-soċjetà Kooperativa, u li f'dana r-rigward l-art. 43 tal-Ordinanza ta' l-1946 dwar ix-xirkiet Kooperativi huma ostativ tal-preżenti azzjoni;

Ikkunsidrat:

Li a parti kwalunkwe eċċezzjoni oħra preliminarjament

sollevata mill-konvenuti, dina l-Qorti hija tal-fehma li fost-hom għandha tiġi preferibilment deċiża l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti in bażi għall-artikolu fuq *riferit*;

Ikkunsidrat:

Li "ex admissis" mill-istess dikjarazzjoni tal-attur jirriżulta li dina s-Soċjetà Kooperativa tinsab in likwidazzjoni u li l-konvenut Oscar Cesareo ġie maħtur *mill-istess Reġistratur* likwidatur tagħha għat-tenut tal-art. 39 tal-istess Ordinanza, bil-poteri hemm indikati;

Ikkunsidrat:

Li, anke kieku ma ġietx sollevata *mill*-konvenut l-eċċezzjoni in disamine, il-pretensjoni tal-attur, qatt ma setgħat tinġieb quddiem it-Tribunal Ordinarju għaliex skond l-imsemmi art. 39(2) tal-istess Ordinanza d-deċiżjoni tar-Reġistratur, li għaliha għamel riferenza, l-attur kienet ta' l-aħħar u qatgħet il-*kwistjoni għal kollox*.

Ikkunsidrat:

Li l-allegat kreditu ta' l-attur, jifforma parti, se mai, minn dina l-likwidazzjoni, u f'każ li kellu jiġi realizzat, kien ikun *dmir tal-likwidatur li jdaħħlu f'xi taqsima li ried isir skond l*-imsemmi art. 39 (2) tal-istess Ordinanza;

Ikkunsidrat:

Li mill-kontest ġenerali ta' dina l-liġi jidher li l-Leġislatur ried jevita kemm jista' jkun li l-assoċjati jkollhom il-fakultà li jġibu l-kwistjonijiet rigwardanti l-Kooperativa quddiem it-Tribunali Ordinarji; dina l-konsiderazzjoni tista' tiġi desunta

mhux biss mid-diviet sanċit mill-artikolu fuq riferit, iżda wkoll minn dak impost mill-art. 50, mnejn jirriżulta li, bħala regola, il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-amministrazzjoni, il-funzjonarju ecc., huma devoluti lar-Reġistratur, li tkun inappellabbli u *jkollha* s-saħħa ta' sentenza tal-Qorti (art. 50(5) Ord. ċit. u Kollez. Vol. XXXIII, ii, 469);

Ikkunsidrat:

Li t-talba tal-attur hija prinċipalment diretta biex tiġi lilu mħallsa mill-konvenut Cesareo nomine somma ta' flus lilu dovuta bħala spejjeż minnu versati u stipendju lilu dovut bħala Chairman tal-Kooperativa in kwistjoni, u li d-domanda preambula hija intiża biex l-attur ikun jista' jottjeni dana l-pagament;

Ikkunsidrat li r-rinunzja tat-tieni domanda ma tistax tinfluwixxi fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti; għaliex il-materja ta' l-ewwel domanda tibqa' dejjem konnessa ma kwistjoni rigwardanti l-likwidazzjoni u dana biex ma jingħadx li l-interess tal-attur f'dina l-kawża, mingħajr it-tieni domanda, ma jidhirx li jista' jkollu l-element tal-attwalità u tal-leġittimità.

Ikkunsidrat:

*Li d-deċitura tal-art. 43 fuq riferit ma tat* ebda lok għall-interpretazzjoni oħra, jekk mhux dik li dina l-Qorti ma jistax ikollha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża preżenti, u dana anke in vista tal-lokazzjoni komprensiva tal-istess artikolu li jissanċixxi dana d-divjet **"in respect of any matter concerned with the winding up of a registered society under** ***this Ordinance*****".**

**Ikkunsidrat:**

Li rriżulta li dina l-Kooperativa hija regolarment reġistrata a tenur tal-art. 7 tal-istess Ordinanza.

Għal dawna r-raġunijiet;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.